MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tas-26 ta' Lulju, 2006

Numru. 263/2005

PULIZIJA
SPETTUR DANIEL ZAMMIT
VS
WILLIAM CAMILLERI

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat William Camilleri, ta' 50 sena, bin Joseph u Rose nee' Bugeja, imwieled Tas-Sliema fl-10 ta' Novembru 1954, residenti 75, Triq il-Karmnu, Sliema u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 800454(M), u akkuzat talli bejn Dicembru 2004 u Frar 2005, gewwa Tas-Sliema u gewwa dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin minnu fi zminijiet differenti izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmulin b'rizoluzzjoni wahda:

(1) fl-14 ta' Frar 2005, ghal habta ta' 18.15hrs, seraq xorb alkoholiku u prodotti kosmetici ghal-valur ta' mhux aktar minn mitt Lira Maltin (Lm100) minn gewwa

SISA Supermarket, Triq Amery, Sliema, ghad-dannu tas-sidien tal-istess hanut, liema serq huwa aggravat bil-hin, u dan ai termini tal-Artiklu 261 u 270 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(2) u aktar talli fix-xhur ta' qabel Frar 2005, seraq xorb alkoholiku minn gewwa SISA Supermarket, Triq Amery, Sliema, ghad-dannu tas-sidien tal-istess hanut;

(3) u aktar talli bejn Dicembru 2004 u Frar 2005 u fix-xhur u fil-granet ta' qabel, xjentement xtara jew laqa' ghandu oggetti misruqa li l-valur taghhom ma jeccedix il-mitt Lira Maltin (Lm100), mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan isir f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod iehor, indahal biex ibieghhom jew imexxihom, u dan bi ksur tal-Artiklu 334 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(4) u aktar talli b'hekk jitqies recidiv b'sentenzi datati 4 ta' Frar 1994, 3 t'Ottubru 1997, 29 ta' Mejju 1997 u 31 ta' Jannar 1997, moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jinbidlu.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali (a fol 10) u tal-imputat (a fol 13) sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat.

Rat il-konferma tal-istess ammissjoni wara li l-Qorti tat opportunita' lill-imputat jikkunsidra l-ammissjoni tieghu.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Fuq l-istess ammissjoni tieghu, din il-Qorti ssib lill-imputat William Camilleri hati tal-ewwel, it-tieni u r-raba' akkuza, u waqt li tilliberah mill-akkuza ta' ricettazzjoni li hija akkuza alternattiva ghal dik ta' serq, u wara li rat l-Artikli 261, 270, 18, 49, 50 u 281 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkudannah ghal perjodu ta' prigunerija ta' disa' xhur. Din il-piena qed tinghata wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fedina penali pessima tal-imputat, l-ammissjoni bikrija tal-imputat u l-valur zghir tal-oggetti misruqa li kien that il-hamsin Lira Maltin (Lm50).

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------